MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Numru. 116/2004

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
JOHAN SULTANA
MARK DIMECH
FRANCIS CREMONA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Johan Sultana, ta' 22 sena, bin Martin u Teresa nee' Cassar, imwieled Pieta' fl-4 ta' Jannar 1982, u residenti Block 4, Flat 7, Triq id-Deheb Fin, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 47882(M); kif ukoll Mark Dimech, ta' 22 sena, bin Peter u Jacqueline nee' Bugeja, imwieled Pieta' fl-14 ta' Jannar 1982, u residenti Flat 4, Binja Vista, Ent. F, Triq Dom Mauro Inguanez, B'Kara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 71282(M); kif ukoll Francis Cremona, ta' 19-il sena, bin Francis u Theresa nee'

Attard, imwieled Pieta' fl-4 ta' Gunju 1984, u residenti 171, Flat 8, Triq San Duminku, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 287184(M), u akkuzati talli nhar il-11 ta' Frar 2004, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu, f'San Pawl il-Bahar, bil-hsieb illi jaghmlu delitt, u cioe' dak ta' serq aggravat, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, hin u valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta' Etienne Vella minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra.

Akkuzati wkoll talli fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Frar 2004, minn San Giljan, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Lancia Thema bin-numru tar-registrazzjoni JGC003, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza nemerika, xorta tal-haga misruqa, hin u valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), u li sar ghad-dannu ta' Joseph Curmi minn San Giljan.

Akkuzati wkoll talli fis-7 ta' Frar 2004 u fil-jiem ta' wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Akkuzati wkoll talli fis-7 ta' Frar 2004, u fil-jiem ta' wara, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), u dan sar ghad-dannu ta' Etienne Vella minn San Pawl il-Bahar, u/jew persuni ohra u ta' Joseph Curmi minn San Giljan.

Lil Johan Sultana wahdu, akkuzat talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, datati 17 ta' Frar 2000, 30 ta' Mejju 2000, 28 ta' Novembru 2000, 12 ta' Settembru 2001, 6 ta' Dicembru 2001, 5 ta' Gunju 2002, 11 ta' Lulju 2002 u 24 t'Ottubru 2002. Akkuzat aktar bi ksur ta' tlett Probation Sentences, a tenur tal-Artiklu 5 tal-Kap 152 (illum Artiklu 7 tal-Kap 446), fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, datati 27 ta'

Novembru 2001, 5 ta’ Gunju 2002 u 3 ta’ Dicembru 2002, u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikli, u cioe’ li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. Barra minn hekk akkuzat ukoll talli kkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta’ tlett sentenzi sospizi mill-Qorti tal-Magistrati, datati 5 ta’ Gunju 2002, 7 t’Ottubru 2002 u 15 t’Ottubru 2002.

Lil Mark Dimech wahdu, akkuzat talli sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, datati 17 ta’ Novembru 1999, 24 ta’ Jannar 2001, 2 t’April 2002 u 28 ta’ Gunju 2002. Akkuzat aktar bi ksur ta’ Probation a tenur tal-Artiklu 5 tal-Kap 152 (illum Artiklu 7 tal-Kap 446), fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 20 ta’ Lulju 2001, u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artiklu, u cioe’ li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. Barra minn hekk akkuzat ukoll talli kkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi mill-Qorti tal-Magistrati datati 15 t’Ottubru 2001 u 10 ta’ Settembru 2003.

Lil Francis Cremona wahdu, akkuzat talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 31 ta’ Mejju 2001, liema sentenza saret definittiva. Akkuzat ukoll bil-ksur ta’ Probation a tenur tal-Artiklu 22 tal-Kap 446, fejn kien gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 12 ta’ Jannar 2004, u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artiklu, u cioe’ li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Frar 2004 li fiha l-imputat Mark Dimech ammetta ghal l-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u s-sitt akkuza, limitatament ghar-recidiva, u ghall-ksur tas-sentenza sospiza datata 10 ta’ Settembru 2003.

Rat il-verbal fuq indikat fejn l-imputat Francis Cremona ammetta ghall-akkuzi kollha, ghajr ghal dik ta’ recettazzjoni.

Rat l-istess verbal indikat fejn l-imputat Johan Sultana ammetta ghall-akkuzi kollha ghajr dik ta' recettazzjoni.

Rat il-'pre-sentencing report' tal-Probation Officer Marietta Lanzon, esebit bhala dokument ML a fol 92 et seq, moghti fil-konfront tal-imputat Johan Sultana.

Rat ir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Probation Officer Marietta Lanzon, a fol 106, u rat il-verbal tas-7 t'Ottubru 2005, fejn il-partijiet stabbilew illi l-imputati ghandhom ihallsu tlett mija u seba' u sebghin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm377.10) lil Gasan Mamo Insurance, u mitejn u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm245) lis-Sirens Pitch, u li ghaldaqstant, kull wiehed mill-imputati kellu jhallas mitejn u seba' Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm207.33).

Rat illi l-imputat Johan Sultana hallas il-pendenzi fis-7 t'Ottubru 2005, waqt illi Mark Dimech hallas sehmu fil-mori tal-kawza.

Semghet ix-xhieda ta' PS 1211 Richard Zammit tas-7 ta' Dicembru 2005 fejn is-Surgent Zammit ikkonferma illi s-sentenzi tal-15 t'Ottubru 2002, tal-5 ta' Gunju 2002, u dik tas-7 t'Ottubru 2002 ma gewx rezi operattivi fil-konfront tal-imputat Johan Sultana.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali a fol 68 tal-process, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru 2004 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tirrigwardja serq u hsarat volontarja ghad-dannu ta' Etienne Vella minn San Pawl il-Bahar, u Joseph

Curmi minn San Giljan. Illi t-tlett imputati ammettew l-akkuzi kif dedotti ghajr l-akkuza ta' ricettazzjoni, b'certi riservi rigwardanti sentenzi sospizi. Illi fil-konfront tal-imputat Sultana, is-sentenzi illi ma gewx rezi operattivi fil-konfront tieghu u dawk tal-15 t'Ottubru 2002, tal-5 ta' Gunju 2002 u tas-7 t'Ottubru 2002.

Il-Qorti, in oltre, rat illi l-imputat Johan Sultana u l-imputat Mark Dimech hallsu, fil-mori tal-kawza, sehemhom mid-danni kkagunati fl-incidenti meritu tal-akkuzi, waqt illi l-imputat Francis Cremona ghazel illi ma jaghmilx dan il-hlas.

Illi ghaldaqstant, fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat **Johan Sultana** hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza, u l-hames akkuza dwar recidiva ghajr ghall-ksur ta' 'probation' (stante illi l-ebda Artiklu elenkat mill-Avukat Generali ma jindika ksur ta' 'probation'), u hati ta' ksur ta' sentenzi ta' piena sospiza tal-15 t'Ottubru 2002, dokument MX17, fejn gie kkundannat sena prigunerija sospizi ghal erba' snin, u tas-sentenza tas-7 t'Ottubru 2002, dokument MX16, fejn ukoll gie kkundannat ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' snin, u tirrendihom applikabbli u operattivi. Il-Qorti tirrileva illi ghar-rigward tas-sentenza tal-5 ta' Gunju 2002, din tirrigwardja ksur ta' 'probation' u ma hemm l-ebda Artiklu elenkat fin-nota tal-Avukat Generali illi jirrigwardja l-ksur ta' 'probation', u ghaldaqstant, ma tista' ssib ebda htija ghal ksur ta' 'probation'. Ghaldaqstant, wara illi rat l-Artikli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f)(g), 325(a), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49 u 50, 28A sa 28H, 31, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-istess Johan Sultana ghal sentejn prigunerija ghall-akkuzi odjerni. In oltre, tirrendi s-sentenza tal-15 t'Ottubru 2002 dokument MX17 operattiva, u ghaldaqstant, tikkundannah, in oltre, ghal sena prigunerija, kif ukoll tirrendi s-sentenza dokument MX16 tas-7 t'Ottubru 2002 operattiva, u tikkundannah ghal sena ohra prigunerija, **total ta' erba' snin prigunerija ghall-imputat Johan Sultana**. Din il-piena qed tinghata wara illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, il-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi

kollha mal-kwerelanti u in vista tal-'pre-sentencing report' fejn l-istess Probation Officer irrakkomandat illi l-imputat Johan Sultana ma jimmeritax piena alternattiva ghajr dik karcerarja, in vista tas-sensiela ta' kundanni minn diversi Qrati illi diga' gew mghoddija in gudikat fil-konfront tal-istess Sultana, u jidher bic-car illi l-imputat ma ha ebda wahda mill-opportunitajiet illi gie moghti mill-Qrati Maltin. Il-Qorti tilliberah mit-tielet akkuza ta' recettazzjoni li hija sussidjarja ghal dik tas-serq.

Illi fil-konfront ta' **Mark Dimech**, u fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat Mark Dimech hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt akkuza, u ghar-rigward tal-akkuza tar-recidiva, qed issibu hati tal-ksur tas-sentenza b'piena sospensiva tal-10 ta' Settembru 2003, li biha gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u tirrendiha operattiva, u wara li rat l-Artikli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f)(g), 325(a), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 279(b), 280, 281, 289, 31, 20, 22, 23, 49 u 50, u 28A sa 28H tal-Kap 9, tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija ghar-rigward l-akkuzi odjerni. In oltre, tikkundannah ghal sentejn prigunerija ulterjuri ghall-ksur tas-sentenza sospiza tal-10 ta' Settembru 2003 fuq indikata, u ghaldaqstant **b'total ta' erba' snin pruginerija**. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi huwa hallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelanti, u in vista tal-fedina penali onoruza tal-imputat. Il-Qorti tilliberah mit-tielet akkuza ta' recettazzjoni li hija sussidjarja ghal dik ta' serq.

Fil-konfront tal-imputat **Francis Cremona**, u fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat Cremona hati tal-ewwel, it-tieni, u r-raba' akkuza, u ghar-rigward ta' l-ahhar akkuza, il-Qorti ssib illi ma tistax tikkunsidra l-allegat ksur ta' 'probation', stante illi fl-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, ma ssemma' l-ebda Artiklu illi jikkomprendi dan it-tali ksur, u wara li rat l-Artikli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f)(g), 325(a), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 270, 279(b), 280, 281, 289, 49 u

50, 31 u 17(b), 20, 22, 23, 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal **tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin, u tqieghdu taht 'suspended sentence supervision order'**, ai termini tal-Artiklu 28G tal-Kap 9, ghall-istess zmien fuq indikat, taht is-supervizjoni ta' Probation Officer li ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services. In oltre, ai termini tal-Artiklu 28H tal-Kap 9, il-Qorti tordna lill-imputat Cremona jhallas is-somma ta' mitejn u seba' Liri Maltin, u tlieta u tletin centezmu (Lm207.33) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza. Din il-piena qed tinghata in vista tal-fatt illi l-imputat Cremona kellu biss dsatax-il sena meta kkommetta dawn ir-reati, u in vista tal-fatt illi f'dak il-perjodu kellu biss kundanna wahda mill-Qrati Maltin in konnessjoni ma' 'traffic offences'.  Il-Qorti tilliberah mit-tielet akkuza tar-recettazzjoni li hija sussidjarja ghal dik ta' serq.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------